## IL-BANDIST U L-ISTRUMENT TIEGĦU...

# IL-BAXX

Sejjer nibda din is-sensiela dwar xi strument tal-banda, u l-ewwel sena ser nagħtikom xi tagħrif dwar dan l-istrument: Il-BAXX. Jiena stess ilni ndoqq dan l-istrument għal bosta snin u għalhekk bdejt din is-sensiela b'dan l-istrument għax huwa l-favorit tiegħi.

Il-Baxx li huwa ġej mill-*brass family,* jiġifieri strument tar-ram, l-isem proprju tiegħu huwa "Tuba", iżda aħna l-Maltin insibuh bħala "Baxx" jew "Bombardun". Skond il-ktieb "The Oxford Compannion to Music" ta' Percy A Scholes l-isem Tuba ma hemmx definizzjoni tagħha u skond l-istess awtur, dan l-istrument l-ewwel ma beda jintuża kien minn ċertu "Beloiż's" u kien jissejjaħ *The Russian Serpant,* u li llum bis-saħħa tal-kompożitur u strumentalista nafuħ llum bħala Susaphone għax dan il-bniedem Susa ried li t-tromba ta' dan l-istrument tkun thares lejn il-pubbliku mhux 'il fuq bħall Baxx normali.

Fl-antik il-baned Maltin, kien hawn min kellu minn dawn l-istrumenti li kien jissejjaħ serpentin. B'xorti ħażina l-banda tagħna kellha wieħed minn dawn is-serpentini iżda dan inqered bit-tiġrif tal-każin fl-aħħar gwerra dinjija. L-iktar li għadu jintuża dan it-tip ta' baxx huwa mill-baned militari Amerikani.

Fl-1843, dan l-istrument ġie pperfezzjonat minn ċertu M. Wibrecht li kien surmast tal-banda tar-Re tal-Prussja. Il-baxx kif nafuh illum ilu jintuża mill-1875 'l hawn madwar 117 sena. Dan l-istrument ilu jintuża mill-baned, orkestri kif ukoll fil-knejjes. Il-baned Maltin kollha jarmaw il-banda tagħhom mill-anqas b'erba' baxxi, fl-orkestri minn wieħed sa tnejn u fil-knejjes ikun hemm wieħed.

Ġeneralment dan l-istrument jintuża bħala akkumpanjament, imma fil-marċi brijjużi xi surmastrijiet iħobbu jikkomponu xi passaġġ melodjuż, li aħna l-mużikanti nsibuh bħala l-*Base Passage.* Huwa mpossibbli li l-ħoss oħxon u goff ta' dan l-istrument jakkumpanja orkestra żgħira, eżempju ta' għaxra minn nies. Jekk dan l-istrument ikun f'idejn tajba u jintuża tajjeb, minnu jista' joħroġ ħoss pjaċevoli. F'każ li wieħed ikollu jħoll dan l-istrument u jagħmlu pipe twil, dan jitkejjel mill-bokkin sat-tromba tul ta' madwar 18-il pied.

Meta jindaqq fuq noti għolja x-xuftejn jinżammu merħija u mitluqa għax dan l-istrument ma tantx issiblu noti għoljin, pjuttost noti baxxi. Biex jindaqq il-baxx wieħed irid ikollu nifs tajjeb u muskoli tajba wkoll, għax dan l-istrument tqil mhux ħażin, għalkemm jintlibes biċ-ċinga sabiex jiddendel mad-dahar. Niġu issa għall-istrument proprju.

Il-fond tal-bokkin u l-wisa' tat-tromba jagħtu ħoss inqas fin, imma ħoss verament potenti li jżomm kontinwament ir-ritmu tal-banda. Għalkemm qabel xi programm speċjalment f'xi teatru fil-magħluq ninnutaw dan l-istrument bħal kull strument ieħor, il-baxx mhuwiex xi strument perfett għall-aħħar fit-tonalità peress li dan huwa assoċjat ma' grupp ta' strumenti li huma msejħa *Heavy Brass.*

Għalija personali s-sabiħ ta' dan l-istrument joħroġ meta dan jindaqq fuq ritmu wieħed jakkumpanja l-banda b'noti kwieti u ħfief, speċjalment f'mużika sagra u funebri.

**Alfred Calleja**
**Viċi President**

VIDEO ART PRODUCTION

FOR ALL SPECIAL OCCASIONS ON VIDEO



CONTACT:
J. SULTANA
27c, St George's Street
LUQA. Tel: 820715

***FOR BEST SERVICE AND SPECIAL EFFECTS***